# L-Imgħallim u l-Qisien ta' l-Opri

MARSA — minn Joe Serracino

### *L-Imgħallmin*

Il-pika u r-rivalità li minn dejjem eżistenti fost l-ekwipaġġi tad-distretti parteċipanti f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali ġagħlet lil kull Kumitat jarma bis-sħiħ lid-distrett tiegħu b'opri ġodda mibnijin apposta għat-tiġrija. Wieħed jistà jgħid li f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena, kull distrett żanżan sett opri ġodda mibnijin b'sengħa kbira mill-aqwa mgħallmin li għandna fil-Kottonera u fl-irħula ta' madwar iż-żewġ portijiet. Sintendi l-għadd tagħhom huwa kbir, iżda l-aktar li jissemmew fosthom, huma dawn li ġejjin: Ċensu Pulè, William Mc. Carthy, Ġużeppi Cassar (Bengala), Ġużeppi Delceppo, John Brincat, Karmenu Schembri, Joseph Pisani, Toni Cassar, Karmenu Vella, Toni Ventura, Neriku Galea u Alfred Baldacchino.

### *Il-Qisien ta' l-Opri*

Dawn huma l-qisien uffiċ ali ta' l-opri li jieħdu sehem fit-tiġrijiaet tradizzjonali tad-dgħajjes.

### *Dgħajjes tal-Midalji (Klassi "A")*

Tul mhux iżjed minn 7.315 metri u mhux inqas minn dawn il-qisien: L-aqwa wisa' sa barra l-egħluq tad-dgħajsa 1.269 metri; fond tan-nofs minn fuq il-bradell sa fuq il-prim 35.56 ċentimetri; ħxuna ta' l-egħluq tad-dgħajsa 6.35 millimetri; ħxuna tal-majjieri u stamnari 7.94 millimetri u 6.35 millimetri fin-nofs, u min-naħa tal-bradell; vojt bejn il-majjieri mhux iżjed minn 22.86 ċentimetri.

L-ekwipaġġ ta' din id-dgħajsa hu ta' erba' qaddiefa li jaqdfu f'din il-pożizzjoni. L_ewwel qaddief bilqiegħeda jissejjaħ "Pruwwier", it-tieni qaddief li wkoll jaqdef bilqiegħda jissejjaħ "Irmiġġier", it-tielet qaddief li jaqdef bilwieqfa jissejjaħ "Nofsier" waqt li r-rabaa' qaddief li jaqdef ukoll bilwieqfa jissejjaħ "Poppier". L-inqas ħin irrekordjat d'din il-korsa, hu dak miksub mill-ekwipaġġ Bormliż fl-1971, meta rebaħ din il-kategorija f'ħin ta' 4 minuti u 13-il sekonda.

### *Dgħajjes tal-Pass (Klassi "B" u "C")*

Dawn id-dgħajjes għandhom ikunu dgħajjes tal-Pass bona-fide bil-liċenzja tal-Pulizija biex iġorru l-passiġġieri u jaqblu f'kollox mal-galvijiet għad-dgħajjes ta' għaxar passiġġieri li jinsabu fid-Dipartiment tad-Dwana.

Tul mhux iżjed minn 6.4 metri u mhux inqas minn dawn il-qisien: L-aqwa wisa' sa barra l-egħluq tad-dgħajsa 1.574 metri; fond tan-nofs minn fuq il-bardnell sa fuq il-prim 45.72 ċentimetri; ħxuna ta' l-egħluq tad-dgħajsa 9.54 ċentimetri; ħxuna tal-majjieri u stmnari 15.88 millimetri fin-nofs u 12.70 millimetri min-naħa tal-bardnell; vojt bejn il-majjieri mhux iżjed minn 20.32 ċentimetri. Piż mhux inqas minn 171.44 kgs; tistà tiżdied saborra biex jintlaħaq il-piż meħtieġ.

Waqt li l-ekwipaġġ tad-dgħajsaa ta' bl-Erbgħa hu erba' qaddiefa li jaqdfu u jissejħu bħal tad-dgħajjes tal-Midalji, l-ekwipaġġ ta' dgħajjes ta' bi Tnejn hu ta' żewġ qaddiefa. L-ewwel qaddief li jaqdef bil-qiegħda jissejjaħ "Il-Ħanżir" waqt li l-qaddief l-ieħor li jaqdef bil-wieqfa jissejjaħ "Il-Poppier". L-inqas ħin irrekordjat għad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa hu dak miksub mill-koppja Kalkariża, li fl-istess edizzjoni (1969) kienet għamlet it-triq f'5 minuti u 17-il sekonda.

### *Frejgatini*

Tul mhux iżjed minn 3,5052 metri u mhux inqas minn dawn il-qisien: L-aqwa wisa' sa

barra l-egħluq tal-Frejgatina 1,396 metri; fond tan-nofs minn fuq il-bardnell sa fuq il-prim 50.8 ċentimetri; ħxuna tal-majjieri u stamnari 15.88 millimetri fin-nofs u 12.70 millimetri min-naħa tal-bardnell; il-vojt bejn il-majjieri mhux iżjed minn 19.05 ċentimetri; ħxuna ta' l-egħluq tal-Frejgatina 11.11 millimetri.

L-ekwipaġġ tal-Frejgatina hu ta' żewġ qaddiefa li t-tnejn jaqdfu bil-qiegħda u tmunier. L-inqas ħin irrekordjat f'din il-kategorija hu dak miksub mill-ekwipaġġ tal-Frejgatina Kalkariża, li fl-edizzjoni 1969 irnexxielu jagħmel it-triq f'ħin ta' 6 minuti u 23 sekonda.

### *Kajjiki*

L-aqwa wisa' sa barra l-egħluq tal-Kajjik 1,422 metril; fond tan-nofs minn fuq il-bardnell sa fuq il-prim 53.34 ċentimetri; ħxuna ta' l-egħluq tal-Kajjik 12.70 millimetri; ħxuna tal-majjieri u stamnari 22.23 millimetri fin-nofs u 19.05 millimetri man-naħa tal-bardnell; vojt bejn il-majjieri mhux iżjed minn 19.05 ċentimetri.

L-ekwipaġġ tal-Kajjik hu ta' żewġ qaddiefa. L-ewwe qaddief jaqdef bilqiegħda waqt li l-qaddief l-ieħor jaqdef bil-wieqfa. L-inqas ħin irrekordjat għal din il-kategorija, hu dak miksub mill-ekwipaġġ Kalkariż fl-edizzjoni 1969. Skond ir-records, insibu li dan l-ekwipaġġ kien għamel it-triq f'5 minuti u 3 sekondi. Iżda meta dan il-ħin jiġi pparagunat ma' ħinijiet oħra, miksuba min għadd ta' ekwipaġġi f'diversi tiġrijiet oħra li saru qabel jew wara din l-edizzjoni, jintebaħ li dan il-ħin ġie rrekordjat ħażin. Aktarx li dan il-ħin irid jiżdied b'minuta u għalhekk isir 6 minuti u 3 sekondi, li fil-fatt xorta waħda jibqà meqjus bħala ħin rekord għal din il-kategorija.

### *L-Ekwipaġġi*

L-ekwipaġġi ta' kull opra li tieħu sehem fit-Tiġrija tal-Vitorja jistgħu jvarjaw minn waħda għall-oħra skond il-kategorija tagħhom. L-ekwipaġġ tad-dgħajsa ta' bl-Erbgħa, kif ukoll il-pożizzjoni ta' kull qaddief fid-dgħajsa u l-isem partikolari tagħhom, hu bħal dak tad-dgħajjes tal-Midalji. Kif jaf kull dilettant, erba' qaddiefa jiffurmaw dan l-ekwipaġġ, bl-ewwel tnejn minnhom jaqdfu bilqiegħda u t-tnejn l-oħra bilwieqfa. L-ewwel qaddief ta' bilqiegħda jissejjaħ "Il-Pruwier", it-tieni wieħed jissejjaħ "L-Irmiġġier", it-tielet wieħed (jaqdef bilwieqfa) jissejjaħ "Tan-Nofs" jew "Il-Parasija", waqt li r-raba' wieħed jissejjaħ "Il-Poppier". Fiż-żewġ dgħajjes, il-Poppier u l-Irmiġġier jissejħu Bord wieħed, kif l-istess jissejħu l-Pruwier u l-Parasija. Dawn jissejħu hekk, għax l-imqadef tagħhom ikunu fuq naħa waħda. Tajjeb li wieħed igħid ukoll li l-imqadef li jintużaw miż-żewġ qaddiefa tan-nofs (l-Irmiġġier u l-Parasija) ikunu itwal minn tat-tnejn l-oħra.

L-ekwipaġġ tad-dgħajsa ta' bi Tnejn huwa ta' żewġ qaddiefa. L-ewwel qaddief li jaqdef bilqiegħda, jissejjaħ "Il-Ħanżir" waqt li l-qaddief l-ieħor li jaqdef bilwieqfa jissejjaħ "Il-Poppier". Waqt li l-pruwier ta' din id-dgħajsa jaqdef b'kemm għandu saħħa bla ma jerfa' rasu, il-poppier jrieġi l-opra waqt li jaqdef. Qabel ma nkompli fuq iż-żewġ opri l-oħra, tajjeb li nfakkar ukoll, li l-kwipaġġi tad-dgħajjes tal-Pass, jiġifieri dawk li jintużaw għall-korsa ta' bl-Erbgħa u ta' Tnejn, ma jintiżnux ma' l-opra. Il-piż stipulat b'regolament għad-dgħajjes tal-Pass waqt it-tiġrija hu ta' 400 libbra, u dan ma jinkludix il-piż tal-qaddiefa. M'hemmx xi ngħidu, aktar min jingħażlu qaddiefa ta' statura ħafifa aktar aħjar, iżda mhux dejjem possibbli.

L-ekwipaġġ tal-Frejgatina hu ta' żewġ qaddiefa, it-tnejn jaqdfu bilqiegħda u tmunier, li xogħlu hu li jrieġi l-Grejgatina. L-ekwipaġġ tal-Kajjikki hu wkoll ta' żewġ qaddiefa, b'ta quddiem jaqdef bilqiegħda u l-ieħor jaqdef bilwieqfa. Ovvjament dawn iż-żewġ korsi huma iebsin ħafna, u dan wieħ´d jista' jaraħ mill-ħin li jieħdu biex jagħmlu t-triq. Normalment, il-qaddiefa ta' dawn iż-żewġ opri, wara numru ta' snin jaqdfu fihom, jibdew karriera fil-korsi l-kbar.